



POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT:
NEGOZJU U KUMMERĊ

FIN-NEGOZJU TAL-PROSPERITÀ

Politika Ewropea tal-Viċinat

ec.europa.eu/world/enp

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni
B – 1049 Brussell
enp-info@ec.europa.eu

NF-30-08-032-MT-D

Għandu jingħata kreditu fejn huwa dovut

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kullimkien qegħdin jiffaċċjaw problemi biex jassiguraw l-iffinanzjar ħalli jespandu n-negozji tagħhom. Din l-isfida hija b'mod partikolari kbira għall-SMEs Palestinjani, minħabba l-inċertezza politika li joperaw fiha u l-kultura bankarja lokali li tibża' mir-riskju.

Sabiex jinkoraġġixxu lill-banek biex isellfu l-flus lill-SMEs bi propożizzjonijiet tan-negozju b'saħħithom iżda li jkollhom nuqqas ta' kollateral, l-UE u l-Ġermanja qegħdin jiffinanzjaw il-Fond ta' Garanzija tal-Kreditu Ewro-Palestinjan sabiex jissottoskrivi tranżazzjonijiet ta' self lil negozji żgħar li jimpjegaw magħhom sa 20 persuna.

"Il-programm għen biex jinħolqu jew jinżammu 2226 impjieg minn mindu beda f'Settembru 2006 u ser ikompli jagħmel dan fiż-żmien li ġej," jispjega John Khoury, id-direttur tal-Fond. Madwar 80% tal-kumpaniji li bbenifikaw mill-Fond ma rċevewx self mill-banek minħabba li ma kellhomx l-assi meħtieġa biex iservu ta' garanzija għalihom.

In-negozji li bbenifikaw mill-iskema sa issa jinkludu tobba, negozjanti żgħar li jbiegħu bl-imnut, manifatturi tal-għamara, dawk li jagħmlu l-istrutturi tal-aluminju u produtturi ta' xogħol tas-sengħa fl-injam taż-żebbuġ.

Ideat bankarji

Taħt l-iskema, banek bħall-'Housing Bank for Trade and Finance' isellfu lill-SMEs medja ta' US\$25 000 u sa massimu ta' US\$50 000. Fl-2009, dan għandu l-ħsieb li joħroġ mill-inqas 200 tranżazzjoni ta' self garantiti mill-Fond.

"Grazzi għall-Fond, qegħdin insiru aktar kunfidenti meta niġu biex nisilfu lill-SMEs," tgħid Suzan Khoury, viċi maniġer reġjonali fil-banek. "Issa huwa possibbli li nisilfu l-flus lil klienti li ma jkunux ikkwalifikaw biex jingħataw self minħabba li ma kellhomx kollateral biżżejjed. Dan jagħtihom iċ-ċans li jespandu n-negozji tagħhom, joħolqu impjiegi u opportunitajiet ġodda."

Il-persunal tal-banek jirċievu wkoll taħriġ fuq kif għandhom jevalwaw is-saħħa finanzjarja ta' negozju fuq il-bażi tal-fluss tal-flus, minflok li jinsistu fuq garanziji ta' self tradizzjonali fil-forma ta' assi.

Ejja nitkellmu dwar in-negozju

Għalkemm l-Unjoni Ewropea hija l-imsieħba ewlenija tal-lżrael fil-kummerċ, għad hemm ħafna potenzjal li għadu ntlaħaqx. Sabiex jesploraw toroq ġodda u promettenti ta' kooperazzjoni, l-UE u l-lżrael stiednu wħud minn fost l-aqwa intraprendituri biex jitħaddtu dwar in-negozju.

Id-Djalogu tan-Negozju bejn l-UE u l-lżrael, li kien inniedi f'Novembru 2007, ilaqqqa' flimkien grupp prinċipali ta' madwar 20 mexxejja tan-negozju lżraeljani u Ewropej bil-għan li jinkoraġġixxu u jqajmu l-kummerċ u l-investment bilaterali.

"Għal pajjiż żgħir bħall-lżrael, it-trawwim ta' rabtiet tajbin fin-negozju mal-UE huwa kruċjali," jispjega Yossi Vardi, wieħed mill-pijunieri ewlenin tal-lżrael fit-teknoloġija avvanzata u li jippresjedi n-naħa tal-lżrael matul id-djalogu.

In-naħa Ewropea hija ppreseduta minn Mathias Doepfner, CEO ta' Axel Springer, wieħed mill-akbar gruppi tal-midja fl-Ewropa.

Il-grupp qed jilħaq progress b'rata mgħaġġla. Fl-ewwel fit xhur tiegħu, dan il-grupp diġà beda ħidma fuq dokument ta' pożizzjoni ta' politika; stabbilixxa diversi forums settorali f'oqsma differenti bħat-telekomunikazzjoni u l-mezzi ġodda tal-midja, il-finanzi, kif ukoll l-enerġija u t-teknoloġija ambjentali; u stabbilixxa laqgħat bejn bosta intraprendituri.

Dalwaqt, ser jorganizza vjaġġi għal delegazzjonijiet Ewropej, u aktar tard lżraeliti.

- Stati Membri tal-UE
- Pajjiżi msieħba fl-ENP
- Kandidati għal sħubija fl-UE
- Kandidati potenzjali għal sħubija fl-UE



KUMMISSJONI EWROPEA
Relazzjonijiet Barranin



© Khaled Diab

© David Kriss

Stħarriġ reċenti sab li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma favur kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi ġirien. Huma jemmnu li rabtiet aktar mill-qrib jistgħu jsaħħu l-paċi u d-demokrazija.

Dan huwa dak li tittratta l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP). Żviluppata fl-2003/2004 bil-għan li tressaq lill-UE mkabbla u lill-ġirien tagħha aktar qrib xulxin, l-ENP tittratta t-teħid ta' azzjoni konkreta sabiex jiġu appoġġati riformi u biex issaħħaħ il-prospertà: biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum tan-nies fil-viċinat tagħna.

Allura kif taħdem? L-UE u kull wieħed mill-ġirien tagħha jaqblu fuq kif jibnu relazzjonijiet aktar mill-qrib u jappoġġjaw riformi fuq perjodu ta' tlieta sa ħames snin. L-impenni konġunti huma mfissra f'hekk imsejja Pjanijiet ta' Azzjoni. Il-ħila u l-finanzi (kważi €12-il biljun mill-2007 sal-2013) huma disponibbli taħt l-Istrument tal-Viċinat u l-Partenarjat Ewropew' (ENPI) sabiex jgħinu bil-modernizzazzjoni u r-riforma.



Soluzzjonijiet intraprendenti

L-integrazzjoni ekonomika għenet biex l-UE ssir l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja bi standard ta' għajxien għoli. Il-prospertà wkoll ikkontribwixxiet għall-paċi u l-istabilità.

L-ENP tgħin lill-pajjiżi tal-viċinat biex jiżviluppaw u jimplimentaw ir-riformi politiċi u ekonomiċi meħtieġa sabiex jistimulaw il-kummerċ u l-investment, u toffrihom aċċess akbar għas-suq tal-Unjoni.



Dinja ta' opportunitajiet għan-negozji Ukraini

L-Unjoni Industrijali ta' Donbass (IUD) hija kumpanija mhux tas-soltu. Hija waħda mill-ftit intrapriżi Ukraini li mhux biss għandha swieq kbar fl-UE iżda qegħda wkoll tinvesti hemmhekk. Speċjalizzata fil-metallurġija, it-taħfif fil-minjieri, l-inġinerija u l-manifattura tal-ikel, il-korporazzjoni għandha impjanti fil-Polonja u l-Ungerija, fost pajjiżi Ewropej oħrajn.

L-IUD u kumpaniji Ukraini oħrajn qegħdin iħarsu 'l quddiem b'ħerqa għall-possibilitajiet tal-esportazzjoni u l-investment li għandhom jakkumpanjaw rabtiet kummerċjali aħjar mal-UE. Bid-dħul riċenti tal-Ukrajna fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u bi ftehim ġdid ta' kummerċ ħieles (FTA) mal-UE fuq l-aġenda, l-opportunitajiet għan-negozji Ukraini li jsiru parti integrali mis-sistema kummerċjali Ewropea u globali qegħdin jimmultiplikaw.

"Dan l-FTA għandu jgħin lill-Ukrajna biex ittejjeb il-klima tagħha f'dak li għandu x'jaqsam man-negozju u l-investment," jispjega Oleksiy Miroshnychenko, il-viċi-president eżekuttiv tal-Konfederazzjoni ta' Min Iħaddem tal-Ukrajna, li tirrappreżenta 200 minn fost l-akbar ditti tal-Ukrajna li, flimkien, jimpjegaw madwar 5 miljun ħaddiem. "Dan għandu jkun tajjeb għan-negozju u ser ikollu impatti pożittivi fuq oqsma oħrajn, bħall-istandards tax-xogħol u l-ambjent."

Relazzjonijiet li jħallu qligħ

Il-mira tal-FTA hija li dan jinkoraġġixxi l-flussi tal-kummerċ u l-investment bejn l-UE u l-Ukrajna. "L-aċċess għall-finanzi huwa kwistjoni kruċjali għan-negozji Ukraini," isostni Miroshnychenko. "Nittamaw li jirnexxielna nagħtu spinta lill-investment dirett barrani u l-ftehim mal-Unjoni Ewropea għandu jgħin biex jitwettaq dan."

Huwa jissokta billi jispjega li "il-konformità mal-liġi tal-UE fl-isferi differenti li jinfluwenzaw l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-ambjent tan-negozju għandha tagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji Ukraini li jidħlu fis-suq Ewropew."

Innaqqsu d-differenzi permezz tad-djalogu

Inspirati mid-djalogu soċjali fl-UE, l-impjegaturi Ukraini, trejdunjins u l-gvern jiltaqgħu b'mod regolari fil-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Tripartitiku Nazzjonali.

Il-Kunsill Tripartitiku jipromwovi d-djalogu fuq għadd kbir ta' kwistjonijiet, inkluż il-ħlas, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, u regolamenti u linji politiċi tal-gvern. Huwa jipprova, permezz ta' dibattitu wiċċ imb'wiċċ, jilħaq bilanċ bejn l-interessi tal-ħaddiema, min iħaddem u l-istat.

"Il-Kunsill Tripartitiku huwa l-forum ewlieni għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet soċjali, legali u governattivi," jgħid Oleksiy Miroshnychenko, li huwa wieħed mill-kopresidenti tal-Kunsill.



Komunikazzjonijiet konkreti jibnu pedamenti sodi

Il-Federazzjoni Marokkina għall-Bini u Xogħlijiet Pubbliċi (FNBT) tirrappreżenta 1 350 ditta ta' kull daqs direttament u 2 700 oħra indirettament.

"L-akbar sfida li qegħdin jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet professjonali hija li l-membri spiss iħossu li għandhom nuqqas ta' informazzjoni," jgħid Mustafa Miftah, il-president tal-FNBT.

Għalhekk, l-FNBT iddeċidiet li terġa' tagħti l-ħajja u timmodernizza l-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-komunikazzjoni biex ittejjeb in-negozju. Bl-appoġġ tal-UE, l-assoċjazzjoni organizza fieri industrijali, forums ta' negozju u żvilupp il-preżenza tagħha fuq l-Internet.



Intejbu l-ospitabbiltà tal-Eġizzjani

L-Eġittu huwa l-egdem destinazzjoni turistika fid-dinja, u diġà kienu jżuruh bosta nies fi żmien ir-Rumani. Mill-piramidi u t-tempji ta' Thebes, sal-Baħar l-Aħmar u l-megapolis ta' Kajr, mir-rikkezza tal-kultura tiegħu sal-ospitabbiltà tan-nies tiegħu, l-Eġittu għandu ħafna attrazzjonijiet u bħalissa jilqa' aktar minn 10 miljun viżitatur fis-sena, ċifra li tagħmlu wieħed mill-aqwa destinazzjonijiet tad-dinja.

"It-turiżmu huwa suċċess kbir fl-Eġittu, iżda l-Awtorità tat-Turiżmu Eġizzjana trid li saħansitra tkompli ttejjeb fuq dan is-suċċess, u dan jeħtieġ li nibnu serjament fuq il-kapaċità," isostni Tim Bartlett, konsulent tal-UE għall-proġett. "Hawnhekk, aħna qegħdin ninvestu f'aktar imħuħ biex jgħinu ħalli tissaħħaħ l-Awtorità tat-Turiżmu."

Żewġ imħuħ jaħsbu aħjar minn wieħed

Bartlett huwa involut f'dak li huwa magħruf bħala proġett ta' 'ġemellaġġ' li permezz tiegħu l-esperti tal-UE jaħdmu flimkien, u jħarrġu lill-kontropartijiet Eġizzjani tagħhom biex itejbu l-operazzjonijiet u jimplimentaw l-aktar prattiċi moderni. "Bażikament, ġemellaġġ huwa t-trasferiment ta' għerf u għarfien," jispjega Bartlett.

"Fis-servizz ċivili Eġizzjan, għandna bżonn ta' bidla kulturali fl-attitudnijiet tagħna fir-rigward tax-xogħol minn grupp ta' nies jaħdmu flimkien u l-qsim tal-informazzjoni, u dan il-proġett għen mhux f'tid ir-rigward," jisħaq Sahar Abdel-Megeed Saleh li huwa l-assistent għall-proġett tal-ġemellaġġ.

Dan il-proġett ta' ġemellaġġ partikolari għen lill-Awtorità tat-Turiżmu Eġizzjana biex timmodernizza l-istrutturi u s-sistemi tal-immaniġġjar tagħha, u għenha wkoll fl-iżvilupp ta' strateġija komprensiva ta' kummerċjalizzazzjoni. "Il-pjan li żviluppajna ser jgħin lill-Eġittu biex jibni fuq il-punti ta' saħħa tiegħu u jiżviluppa rkejen ġodda," isostni Elisabeth Woschnog, esperta Awstrijaka.

L-UE u l-Eġittu jikkooperaw flimkien fuq proġetti ta' ġemellaġġ simili f'oqsma oħrajn, bħat-toroq, is-sigurtà marittima u tal-ferroviji, it-telekomunikazzjonijiet, is-sistema postali, l-investment dirett barrani, kwistjonijiet ambjentali u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.